MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2007

Numru. 650/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**vs**
**Mabrouk Mourad**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mabrouk Mourad** ta' 27 sena, bin Salem u Mausara En Othman, imwieled Tunisia fit-22 ta' Dicembru, 1979, residenti Suret il-Bniedem, Triq San Albert, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 24792 (A);

Talli nhar l-1 ta' Lulju, 2006, gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ghall-habta tal-9.45am bil-hsieb li jaghmel hsara lill-diversi membri tal-Korp tal-Pulizija u cioe lil PS 1141 N. Tanti, PC 1052 B. Tonna, PC 749 M. Pace u PC 1 J. Busuttil akkuza lill-istess membri tal-korp tal-Pulizija quddiem awtorita' kompetenti b'reat filwaqt li kien jaf li

dawn il-persuni huma innocenti u dan ai terminu tal-artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun nhar-1 ta' Lulju, 2006, ghall-habta tal-9.45am bil-qerq holoq jew gieghel li jidher car li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra l-membri tal-korp tal-pulizija imsemmija bil-hsieb li dawn l-ufficjali pubblici jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat u dan ai terminu tal-artikolu 110 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-1 ta' Lulju, 2006 ghall-habta tas-2.30am gewwa Pjazza San Pawl, il-Hamrun b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

Ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tinfluwixxu jew tbezzghu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjkoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' PS 1141 u N. Tanti, PC 1 J. Busutill, PC 749 M. Pace u PC 1052 M. Tonna u dan ai terminu tal-artikoli 92, 95 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hedded lil istess ufficjali pubblici bi kliem u dan ai terminu tal-artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi rrifjutajt jew tagha falz lill-istess ufficjali pubblici jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu ismu, kunjomu fejn joqghod u l-partikolarijiet l-ohra u dan ai terminu tal-artikolu 338 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u paci pubblika u dan ai terminu tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitlub li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-membri tal-korp tal-pulizija msemmija aktar 'l fuq sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissatha kif jidhrilha xieraq l-Onorabbli Qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383 (1)(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi kollha mressqa din il-Qorti mhix qed tiehu konjizzjoni tal-istaqrrijiet tax-xhieda PC1, PC749, PC1052, u PS1141 stante li stqarrija ta' xhud mehuda mill-pulizija mhix ammissibbli bhala prova meta dawn ix-xhieda jistghu jixhdu viva voce, kif fil-fatt ghamlu.

L-Ispettur Mario Tonna xehed illi fl-1 ta' Lulju, 2006, ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu, kien infurmat illi l-Pulizija kienu appena arrestaw persuna mill-pjazza tal-Hamrun wara li dan kien aggressiv maghhom. Il-Pulizija kienu raw lil din il-perusna mixhuta mal-art taht l-influenza tal-alkahol u bla flokk. Meta refawh dan kien agressiv maghhom u beba joffendihom u ikellimhom hazin u jeddidhom. Is-sitwazzjoni aggravat ruhha meta dan ittiehed l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun. L-ghada filghodu, l-imputat allega li kienu l-Pulizija li offendewh u li dawn kienu ukoll sawtuh. L-imputat kien offrut assistenza medika u saret investigazzjoni interna dwar l-ufficjali tal-Pulizija involuti

izda l-Ispettur xehed illi ma rrizulta ebda eccess ta’ uzu ta’ forza minn naha tal-Pulizija;

Ix-xhud PC1 qal illi l-imputat beda joffendihom u jheddidhom appena marru jtuh l-ghajnuna fil-Pjazza tal-Hamrun. Wara li haduh l-ghassa u qieghduh fic-cella dan beda jsabbat, jghajjat u jitkellem hazin u ghalhekk ma resqux aktar lejh.  PS1141 cahad li xi membru tal-korp refgha idejh fuq l-imputat u li kien dan li kien agressiv maghhom.  PC1052 xehed inoltre illi l-imputat beda jaghmel theddid li joqtlilhom il-familja;

L-imputat xehed illi wara li kien ghadu kemm ra loghba futboll tat-tazza tad-dinja f’xi l-ghaxra nieqes kwart ta’ filghaxija gabruh il-pulizija appena hareg minn gewwa bar. Malli dahal fl-ghassa gie fuqu PC1 u beda jeddhu w joffendih u ghalhekk l-imputat offendih lura, imbaghad daru ghalhih u tawh xeba.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kors tal-provi, l-imputat ghazel illi jixhed u ried jaghti l-impressjoni illi huwa ingabar mill-Pulizija ghall-ebda raguni valida u li kienu dawn li bdew joffenduh u jsawtuh minghajr raguni malli twassal l-ghassa.  L-Qorti rat ic-certifikat mediku a fol 12 fejn jirrizulta illi l-imputat kellu griehi hefief konsistenti b’abbrazzjonijiet.  Kienu ittiehdulu X-rays izda ma rrizulta ebda ksur u irziultaw ukoll xi nefhiet.  Dan mhux kompatibbli ma swat kif qed jallega l-imputat izda fl-aghar ipotesi huwa kompatibbli ma cirtkostanzi fejn persuna qed tinzamm lura milli tagredixxi lill-perusna jew persuni ohra.

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha u l-Qorti bl-ebda mod ma tista’ taccetta il-verzjoni tal-imputat li kienet intiza biss biex titfa’ l-htija fuq il-pulizija;

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli  18, 101, 110, 92, 95, 338 (e) (g) (dd) (ee), 342 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali raffretarja tal-imputat;

Tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sena (1) mil-lum. Oltre dan tobbligah ma jimmolestax u/jew ma jdejjawx lill PC1, PS1141 u PS749, PC1052 jew min minnhom, fuq penali ta’ Lm100 multa fin-nuqqas ghal-zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------